**22 ta' Frar, 1996**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent Degaetano LL.D.**

N.N.

*versus*

N.N.

**Żwieġ - Annullament - Żwieġ qabel l-1975 - Liġi applikabbli - Verġinita`**

*La żwieġ sehh qabel il-bidu fis-sehh ta' l-Att XXXVII ta' l-1975, il-kompitu tal-Qorti hu li jkun ezaminat jekk iż-żwieġ* de quo *kienx validu skond il-liġi viġenti li kienet tapplika għalih meta sar.*

*Fi kliem iehor il-Qorti trid tezamina jekk iż-żwieġ in kwistjoni kienx validu skond il-liġi li kienet tapplika għalih fiż-żmien meta sar. Jekk jirrizulta li dak iż-żwieġ kien validu allura dak kollu li hemm fil-Kap. 255 ma jistax jolqot dik il-validita`. Jekk ma kienx validu allura ż-żwieġ jista' jkun iddikjarat null jekk hemm xi raġuni għal tali nullita` prospettata fl-Att dwar iż-Żwieġ.*

*Il-verġinita' jew nuqqas ta' verġinita' tal-mara jew tar-raġel ma tinċidix fuq l-essenza, il-proprjetajiet jew l-għanijiet taż-żwieġ.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata mill-attur N.N. fil-5 ta' Diċembru, 1994 li biha, wara li ppremetta:

Illi l-kontendenti kkuntrattaw żwieġ fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan fil-25 ta' Novembru, 1972, kif jidher mid-dokument "A" anness maċ-ċitazzjoni;

Illi dana ż-żwieġ huwa annullabbli stante li l-konvenuta kienet affettata sa minn qabel iż-żwieġ b'alkoliżmu liema difett hija ħbiet mill-attur u dana ġie żvelta lilu wara ż-żwieġ u dana d-difett kien jaffettwa gravement id-diskrezzjoni tal-konvenuta u l-kapaċita' tal-konvenuta sabiex tassumi l-obbligi u d-doveri taż-żwieġ tant li ż-żwieġ tfarrak wara xi sentejn għalkemm damu jgħixu taħt l-istess saqaf sal-1986 u mbagħad telqu jgħixu għal rashom;

Illi l-kunsens ta' l-attur ġie ukoll karpit billi l-konvenuta ħbiet minnu nuqqas ta' kwalita' fiha li l-attur kien jippretendi li kellu jsib fiha u li għalih kienet ta' mportanza kbir għall-feliċita' fiż-żwieġ u infatti kienet għalih *conditis* (sic) *sine qua non* biex ta lill-konvenuta l-kunsens tiegħu għaż-żwieġ;

Premess dan kollu l-attur talab lill-konvenuta tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

Tiddikjara null u bla ebda effett iż-żwieġ tagħha ma' l-attur fuq imsemmi għar-raġunijiet ipprovduti mil-Liġi kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq premessi;

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenuta għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta N.N. minnha ppreżentata fl-24 ta' Mejju, 1995, li biha eċċepiet:

"Illi t-talba attriċ għandhom jiġu respinti (**recte**: għandha tiġi rspinta) stante li huma nfondati (hija infondata) fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti:

"Illi mhuwiex minnu li ż-żwieġ bejn il-kontendenti kien vizzjat minħabba r-raġunijiet imsemmija mill-attur iżda huwa *null* u bla effett minħabba r-raġunijiet imsemmija fit-talba rikonvenzjonali;

Illi di fatti l-konvenuta la kienet affetta xi darba b'alkoholiżmu u lanqas ma huwa minnu li l-kunsens ta' l-attur kien karpit kif qed huwa qed jallega;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-każ";

Rat il-kontro-talba ta' l-istess konvenuta li biha, wara li ppremettiet:

"Illi l-kontendenti kkuntrattaw żwieġ fil-25 ta' Novembru, 1972;

Illi l-kunsens ta' l-attur kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha;

Illi l-kunsens ta' l-attur għal dan iż-żwieġ kien viżżjat peress illi kien inkiseb bl-esklużjoni posittiva taż-żwieġ inniffsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali

tal-ħajja miżżewġa;

Illi, għalhekk, l-imsemmi żwieġ huwa null u bla effett għat-termini ta' l-artikolu 19 (1) (ġ) u/jew (d) u/jew (f) ta' l-Att XXXVII ta' l-1975 li Jirregola ż-Żwieġijiet u huwa proprju għalhekk li qiegħda ssir din it-talba rikonvenzjonali;

Premess dan, il-konvenuta talbet, għalhekk lill-attur rikonvenzjonat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

Tiddikjara li ż-żwieġ ikkuntrattat bejn il-kontendenti fil-25 ta' Novembru, 1972 huwa null u bla effett għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi;

Bl-ispejjeż kontra l-attur, inġunt għas-subizzjoni;

Rat li l-attur ma ppreżentax nota ta' l-eċċezzjonijiet għall-kontro-talba tal-konvenuta;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża; semgħet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

F'dan il-każ il-konvenuta qed tikkontesta t-talba ta' l-attur, pero' qed tipproponi hija stess kontro-talba rikonvenzjonali għal liema kontro-talba l-attur baqa' kontumaċi. Kif inhu risaput il-kontumaċja hija forma ta' kontestazzjoni; pero' anke kieku f'dan il-każ kien hawn ammissjoni ta' xi talba jew oħra (jew addirittura ammissjoni kemm tat-talba ta' l-attur kif ukoll tal-kontro-talba attriċi), din il-Qorti ma kinitx tkun eżonerata milli tisma' u naturalment teżamina u tivvaluta, il-provi sabiex tassigura ruħha li hemm bażi legali għall-annullament mitlub sija minn naħa kemm minn oħra (ara **Angela Spiteri xebba Selvaggi** ***vs*** **Joseph Spiteri**, *Prim'Awla*, 4 *ta'* *Novembru*, *1994*;

**Carmel** *sive* **Charles Camilleri** *vs* **Teresa Camilleri**, Prim'Awla, 3 ta' Ottubru, 1995; **Evelyn Agius** *vs* **John Borg**, Prim'Awla, 4 ta' Ottubru, 1995; **Emanuel Camilleri** *vs* **Carmen Camilleri**, Prim'Awla, 10 ta' Novembru, 1995; **Isabelle Zarb** *vs* **Stephen Attard**, 21 ta' Novembru, 1995);

Il-konvenuta baqgħet ma xehditx u anqas ma ressqet provi f'din il-kawża. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha taħli żmien fuq il-kontro-talba tagħha, f'liema kontro-talba hi qed tallega fil-konfront ta' l-attur id-difetti ravviżati fil-paragrafi (d) u (f) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 19 tal-Kap. 255. Il-Qorti tosserva li l-konvenuta, fir-raba' paragrafu tal-kontro-talba tagħha, tagħmel referenza ukoll għall-paragrafu (ġ) ta' l-imsemmi artikolu 19 (1) (ċjoe' d-difett ta' "meta xi waħda mill-partijiet torbot il-kunsens tagħha ma' xi kondizzjoni li tirreferi għall-futur"); pero' din il-Qorti hi tal-fehma li fil-kontro-talba kif ifformulata ebda fatt mhu qed jiġi dedott, ossia miġjub, bħala kawżali li b'xi mod jista' jinkwadra f'dan l-imsemmi paragrafu (ġ). Peress illi, kif ingħad, il-konvenuta la xehdet u anqas ressqet provi, din il-Qorti sejra tiċħad il-kontro-talba tagħha;

L-attur fiċ-ċitazzjoni tiegħu qiegħed jallega diversi difetti. Dawn huma (i) id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fis-sens tal-paragrafu (d) ta' l-artikolu 19 (1) u dan minħabba l-allegat alkoliżmu tal-konvenuta; (ii) il-qerq (dolo) ravviżat fil-paragrafu (ċ) ta' l-imsemmija disposizzjoni, kemm minħabba l-imsemmi alkoliżmu kif ukoll minħabba li l-konvenuta allegatament ħbiet minnu l-fatt li ma kinitx verġni; u (iii) id-difett imsemmi fil-paragrafu (ġ) ta' l-artikolu 19 (1) (ara f'dan is-sens ukoll il-verbal ta' l-udjenza tas-27 ta' Novembru, 1995). Inoltre - għalkemm dan mhux daqshekk ċar mill-mod kif ġiet redatta ċ-ċitazzjoni - il-kawżali jistgħu jagħtu lok ukoll għal eżami tal-paragrafu (b) ta' l-imsemmi artikolu 19 (1);

Fil-każ odjern, pero', hemm punt ieħor li jrid jiġi indirizzat. Iż-żwieġ bejn il-kontendenti seħħ fl-1972, ċjoe' qabel il-bidu fis-seħħ ta' l-Att XXXVII ta' l-1975, illum Kap. 255. Dan ifisser, kif ġie spjegat fis-sentenza tal-qorti ta' l-Appell tad-19 ta' Ottubru, 1988 fl-ismijiet **Louis Agius *vs* Georgia Agius xebba Gauci**, li l-kompitu ta' din il-Qorti hu li jiġi eżaminat jekk iż-żwieġ *de quo* kienx validu skond il-liġi viġenti li kienet tapplika għalih meta sar. Fi kliem ieħor, b'applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' *l-artikolu 36 (ġa' 24) tal-Kap.* 255, dak li din il-Qorti trid tagħmel hu li teżamina jekk iż-żwieġ in kwistjoni kienx validu skond il-liġi li kienet tapplika għalih fiż-żmien meta sar; u jekk jirriżulta li dak iż-żwieġ kien validu allura dak kollu li hemm fil-Kap. 255 ma jistax jolqot dik il-validita'. *Jekk ma kienx validu, allura iż-żwieġ jista' jiġi* ddikjarat null jekk hemm xi raġuni għal tali nullita' prospettata fl-Att dwar iż-Żwieġ. Bħala konsegwenza ta' dan u mill-punto di vista prattiku din il-Qorti tista' teżamina żwieġ bħal dak bejn il-kontendenti odjerni fid-dawl ta' xi wieħed jew aktar mill-***capita nullitatis*** imsemmija fl-artikolu 19 (1) tal-Kap. 255, purche' li l-***caput nullitatis*** in kwistjoni kien applikabbli sostanzjalment għaż-żwieġ meta sar u sa fejn kien applikabbli tenut kont tal-liġi viġenti meta sar (ara f'dan is-sens, **Carmel *sive* Charles Camilleri *vs* Teresa Camilleri**, Prim'Awla, 3/10/95; **Evelyn Agius *vs* John Borg**, Prim'Awla, 4/10/95);

*Omissis*;

Skond l-attur, l-ewel problema li hu ltaqa' magħha kienet meta kellu x'jaqsam l-ewwel darba ma martu wara ż-żwieġ, meta hu jgħid li sab li martu ma kinitx verġni;

"Wara ż-żwieġ, pero', jien indunajt li hija ma kinitx verġni. Hi ma qaltli xejn, anzi hi baqgħet tinsisti li kienet għadha verġni. Jien sirt naf li ma kinitx verġni meta kelli

x'naqsam magħha l-ewwel darba. Jien meta staqsejtha għaliex mhux verġni, hi baqgħet tgħid li kienet verġni, u ma qaltli xejn dwar xi *relazzjonijiet sesswali* li setgħa kellha ma ħaddieħor" (fol. 22);

Peress li, skond hu, qabel iż-żwieġ hu kien għamilha ċara lill-istess konvenuta li jrid jiżżewweġ mara verġni "biex l-abjda ikun jixirqilha" (fol. 20), din l-iskoperta tiegħu wara ż-żwieġ ġabet *fuqu ġerta riluttanza* li huwa jkollu x'jaqsam ma' martu, għalkemm baqa' jkollu x'jaqsam magħha u ġġenera żewġt itfal. Mistoqsi, in kontro-eżami, għala huwa baqa' jkollu x'jaqsam mal-mara meta huwa kien riluttanti, huwa qal li dan baqa' jagħmlu biex il-mara ma taħsibx li hu kellu lil xi ħaddieħor (fol. 24). Hu jgħid li ġieli kien hemm okkażjonijiet meta waqt li kien ikun qed jagħmel l-att sesswali, minħabba li jiġi quddiem għajnejh il-fatt li martu ma kinitx verġni, hu kien jibred f'daqqa u ma kienx ikun jista' jkompli (fol. 22);

It-tieni problema li, skond l-attur, iltaqa' magħha kienet li wara xi xahar li żżewweġ, beda josserva li martu kienet bdiet tixrob (fol. 22, 23);

"Fil-perijodu ta' l-għerusija, safejn naf jien, hi ma kinitx tixrob. Jiġifieri matul l-għerusija jien ma nafhiex tixrob kif imbagħad jien ngħid li bidet tixrob wara ż-żwieġ ... qabel iż-żwieġ ma nnotajt xejn minn dan kollu" (fol. 26);

Dawn, bażikament, huma l-provi li fuqhom l-attur qed jistrieħ. Infatti x-xhieda minnu prodotti ftit li xejn jikkorroborawh, anzi f'ċerti aspetti jikkontradiċu u jitfgħu dubbju fuq dak li jgħid l-attur;

*Omissis*;

Minn dawn il-provi ma jirriżulta assolutament xejn, la fil-konfront ta' l-attur u lanqas fil-konfront tal-konvenuta, li mqarr jista' *jindika difett* <u>serju</u> *ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju dwar l-*oġġett tal-kunsens matrimonjali jew xi anomalija psikoloġika <u>serja</u> fil-mument ta' l-għoti ta' l-imsemmi kunsens li kienet tagħmilha <u>impossibbli</u> (mhux sempliċement diffiċli) li parti jew oħra taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ. Anqas ma jirriżulta li l-konvenuta *kienet b'xi mod affetta minn xi* alkoliżmu <u>qabel</u> iż-żwieġ;

Kwantu għall-allegat nuqqas ta' verġinita' fil-konvenuta, din il-Qorti hi ukoll tal-fehma li dana l-fatt ma ġiex ippruvat, anqas fil-grad li trid il-liġi f'kawżi ċivili, ċjoe' fuq bażi ta' probabbilita'. Il-konvenuta, permezz tad-dikjarazzjoni ġuramentata tagħha annessa man-nota ta' eċċezzjonijiet qed tiċħad dana l-fatt; l-attur stess jgħid li meta, wara l-ewwel darba li kellu x'jaqsam magħha, hu qalilha li (skond hu) hi ma kinitx verġni, hi kienet ċaħdet dana l-fatt; ma hemm ebda prova li qabel iż-żwieġ il-konvenuta kienet ta' xi kostumi laxki jew li kellha għarus jew għarajjes oħra qabel l-attur. Fi kliem ieħor, l-unika prova li l-attur qed iressaq <u>hi l-esperjenza tattili tiegħu</u>. Hu evidenti li f'materja hekk serja din il-Qorti tkun irresponsabbli li kieku kellha taċċetta li tali esperjenza tipprova dak li qed jiġi allegat. Pero' anke li kieku, għall-grazzja ta' l-argument , dana l-fatt ġie ppruvat, ċjoe' ġie ppruvat li l-konvenuta ma kinitx verament verġni meta żżewġet, dana xorta waħda ma kienx jagħti lok għan-nullita' taż-żwieġ taħt xi waħda mill-*capita nullitatis* imsemmija fuq;

Biex ikun hemm id-difett ravviżat fil-paragrafu *(ċ) tas-*subartikolu (1) ta' l-artikolu 19 tal-Kap. 255 jeħtieġ li jikkonkorru erba' affarijiet: (1) qerq perpetrat bil-ħsieb li wieħed jikseb il-kunsens tal-parti, (2) li l-qerq ikun inċida fuq il-kunsens tal-parti, (3) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita' tal-parti l-oħra, u (4) li *din il-kwalita' tkun tista' mix-xorta tagħha*

tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa (ara, **Evelyn Agius vs John Borg**, Prim'Awla, 4/10/95). L-espressjoni użata fil-liġi tagħna - "li tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa" - hi riproduzzjoni ta' l-espressjoni li wieħed isib fil-Kanona 1098 tal-Kodiċi Kanoniku viġenti - *quae suapte natura consortium vitae coniugalis perturabare potest*. Hu evidenti li hawn si tratta ta' kwalita li trid tkun oġġettivament gravi u l-leġislatur jistabbilixxi l-għaqda fil-ħajja miżżewġa bħala punt ta' referenza oġġettiv għal dik li hi l-gravita' tal-kwalita' in kwistjoni, b'mod għalhekk li dik il-kwalita' trid tkun tinċidi fuq l-essenza, il-proprjetajiet jew l-għanijiet taż-żwieġ. Fil-fehma tal-Qorti, il-verġinita' jew nuqqas ta' verġinita' tal-mara jew tar-raġel ma tinċidix fuq l-essenza, il-proprjetajiet jew l-għanijiet taż-żwieġ;

*Caput nullitatis* ieħor li jrid jiġi eżaminat hu dak ta' l-iżball dwar l-identita' tal-parti l-oħra (artikolu 19 (1) (b), Kap. 255). Il-liġi tagħna titkellem biss dwar żball fuq l-identita' tal-parti l-oħra, u dan a differenza tal-Kanone 1097 tal-Kodiċi Kanoniku viġenti li fit-tieni inċiż tiegħu jitkellem ukoll dwar żball dwar xi kwalita' tal-persuna, ossia tal-parti l-oħra. Fi kwalunkwe każ, l-*error circa qualitatem personae*, previst fil-Kanone 1083 (2) tal-Kodiċi Pio-Benedittin, u li allura kien jirregola ż-żwieġ tal-kontendenti, kien jirreferi biss għal dak l-iżball dwar xi kwalita' tal-parti l-oħra li kienet tirrisolvi ruħha fi żball dwar il-persuna (*si error qualitatis redundet in errorem personae*). U dik il-kwalita' kienet trid tkun proprja u esklussiva għal dik il-persuna. Kif jispjega l-awtur Vincenzo del Giudice a rigward ta' dan il-Kanone:

"*L'errore della qualita' che "redundat in errorem personae", per quale il matrimonio e' invalido, e' l-errore su qualita' identificante della persona: vale a dire, circa la qualita' per mezzo della quale una persona si distingue da ogni altra. Esso si verifica, cioe', quando una determinata qualita'*

*viene assunta come il* <u>*segno distintivo*</u> *di una persona, alla cui identificazione si intende giungere attraverso quella tale qualita': onde l'errore circa la qualita' della persona (e cioe' che si tratti appunto della persona che si voleva identificare attraverso quella qualita') si risolve effettivamente in un errore di pesona. Ma, affinche' sia possibile l'identificazione della persona attraverso una qualita', e' necessario che la determinazione della qualita' identificante della person ...* <u>*preceda*</u>*, nel soggetto, la conoscenza fisica della persona provveduta di quella qualita', in quanto la qualita' determina,* <u>*nella mente del contraente*</u>*, la persona ignota, che solo attraverso tale qualita' diviene nota: in altri termini l'attributo tenuto in considerazione e' il mezzo col quale si giunge all'individuazione della persona ... Ma e' inoltre necessario, per escludere l'equivocita', che la qualita', presa in considerazione per l'identificazione della persona, sia* <u>*propria*</u> *ed* <u>*esclusiva*</u> *di quella sola persona. Le qualita' di essere ricca, nobile, vergine, ec., e qualsiasi qualita' che si possa ritenere importante o "essenziale", non essendo qualita' esclusive di* <u>*una sola*</u> *persona, non possono costituire qualita' identificanti o individualizzanti, e l'errore circa una di tali qualita' non identificanti, anche se sia un* <u>*error dans causam*</u> *al matrimonio (cioe' la sola ragione che induce una parte al matrimonio con quell'altra persona, ritenuta provvista di cotesta qualita'), e anche se determinato dal dolo dell'altra parte, non invalida il matrimonio*" (Del Giudice, V., Sommario di Diritto Matrimoniale Canonico, Giuffre' (Milano), 1979, pp. 74-75);

Għalhekk, taħt il-liġi li kienet tirregola ż-żwieġ tal-partijiet l-iżball, jew addirittura anke qerq, dwar il-verġinita' o meno tal-konvenuta ma kienx iwassal għan-nullita' taż-żwieġ;

Jibqa' biex jiġi eżaminat il-paragrafu (ġ) ta' l-artikolu 19 (1). Din il-Qorti tara, pero', li m'għandhiex għalfejn tiddilunga fuq dan il-punt. Anke, jekk, għall-grazzja ta' l-argument, il-

kunsens ta' l-attur kien vizzjat taħt xi waħda mill-inċiżi tal-Kanone 1092 tal-Kodiċi Pio-Benedettin - li, kif inhu risaput, kien jagħmel ħafna distinzjonijiet, xi wħud minnhom xejn realistiċi, għal dak li jirrigwarda l-kundizzjoni apposta għall-kunsens - il-liġi tagħna titkellem biss dwar "kondizzjoni li tirreferi għall-futur" u mhux ukoll dwar kundizzjonijiet *de praesenti* jew dawk *de praeterito*. L-attur, mistoqsi in ri-eżami, wieġeb hekk:

"Qed niġi mistoqsi jekk jien kontx niżżewweġ lil marti kieku kont naf li hija mhux verġni. Jien inwieġeb li li kieku kont naf li hija mhux verġni, ma kontx niżżewwiġha" (fol. 27);

Li wieħed jagħti l-kunsens tiegħu bil-kundizzjoni li l-għarusa tiegħu hija verġni mhijiex ċertament kundizzjoni de futuro, iżda kundizzjoni li tirreferi għall-preżent;

Għall-motivi premessi din il-Qorti tiċħad kemm it-talba ta' l-attur kif ukoll il-kontro-talba tal-konvenuta. L-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti, dritt tar-reġistru jinqasam bin-nofs bejniethom.